**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Illum 24 ta' Novembru 2015**

**Avviz Nru. 747/96VG**

**Korporazzjoni Telemalta u b'Nota tat-3 ta' Frar 1998 is-socjetà kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tal-keditu prezit mill-Korporazzjoni Telemalta**

**Vs**

**Alfred Fenech u b'Digriet ta' l-24 ta' Jannar 1997 is-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. giet kjamata in kawza**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-Korporazzjoni Telemalta (l-awtrici tas-socjetà Maltacom p.l.c.) fid-19 ta' Awwissu 1996 permezz ta' liema titlob li Alfred Fenech jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija tmienja u sebghin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm578.37), illum ekwivalenti ghal €1,347.23, rapprezentanti ammont dovut ghall-kera, Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq parti mill-kera, *pulses* u *directory charges* in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 680587, liema servizz gie installat fuq talba ta' Alfred Fenech fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, skond *service agreement* anness ma' l-Avviz; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Gunju 1996, u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq id-drittijiet professjonali kontra Alfred Fenech;

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviz a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Alfred Fenech permezz ta' liema jeccepixxi li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-Korporazzjoni attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-installazzjoni tat-telefon fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, saret ghal Fenech Oil & Petroleum Company Limited (FOPCOL) u mhux ghalih personalment u dan kif jidher mid-Dokument B ezebit mill-Korporazzjoni

attrici u mill-kopji tad-direttorju tat-telefon ta' l-1992 u ta' l-1996 annessi man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet markati Dokumenti C u D rispettivament;

Rat id-dokumenti annessi man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Alfred Fenech a fol. 18 u 19 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri ta' Alfred Fenech permezz ta' liema jeccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(f) in kwantu ghall-ammont li qieghed jigi mitlub bhala kera in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 680587 u ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) in kwantu ghall-ammont mitlub ghall-*pulses* fuq l-istess servizz;

Rat li b'Digriet moghti fl-24 ta' Jannar 1997[1] giet kjamata in kawza s-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. permezz ta' liema teccepixxi li: (i) hija qatt ma kellha telefon registrat f'isimha u ghalhekk m'ghandhiex tirrispondi hi ghat-talbiet attrici; (ii) l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(f) u l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; u (iii) hija ma ghandha taghti xejn u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. ipprezentata fit-8 ta' Jannar 2003 permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament Alfred Fenech ma huwiex direttur tal-kumpanija Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u ghalhekk in-notifika maghmula bil-pubblikazzjoni a fol. 55 tal-process saret malament; (ii) mill-gdid ittenni l-eccezzjonijiet minnha già moghtija f'dawn il-proceduri u tikkonferma – (a) li ma hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici, ma ghandha l-ebda rabta kontrattwali maghha u ma ghandha taghtiha xejn; (b) il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(f) u ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili; u (c) li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici;

Rat in-Nota tas-socjetà kummercjali Maltacom p.l.c. ipprezentata fit-3 ta' Frar 1998 permezz ta' liema assumiet l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi bhala cessjonarja tal-kreditu pretiz fl-Avviz odjern[2];

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Alfred Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' April 1998 fejn eccepixxa ulterjorment li ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà Maltacom p.l.c. li assumiet l-atti bhala cessjonarja tal-Korporazzjoni attrici[3];

[1] Fol. 21 tal-process.
[2] Fol. 38 tal-process.
[3] Fol. 39 tal-process.

Rat li fit-13 ta' Novembru 1998[4] il-kawza thalliet *sine die* fuq talba tas-socjetà attrici;

Rat li fuq talba tas-socjetà attrici l-kawza giet riappuntata ghas-smigh in forza ta' Digriet moghti fit-2 ta' Dicembru 1998[5];

Semghet ix-xhieda tal-P.L. Noel Scerri moghtija waqt is-seduti tad-19 ta' Frar 2003[6], tad-9 ta' April 2003[7] u tad-9 ta' Marzu 2005[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" a fol. 106 tal-process u Dok. "NX" a fol. 111 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Paul Busuttil moghtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ottubru 2003[9] u tat-18 ta' Mejju 2005[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PB1" sa' Dok. "PB15" a fol. 125 sa' 142 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Albert Portelli moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003[11] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AP1" u Dok. "AP2" a fol. 147 sa' 159 tal-process u a fol. 160 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Lea Caffari in rapprezentanza tar-Registru tal-Kumpaniji moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003[12] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "LC1" a fol. 163 tal-process, semghet ix-xhieda ta' David Mifsud moghtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ottubru 2003[13] u tat-8 ta' Novembru 2006[14], semghet ix-xhieda ta' Anthony Valvo moghtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ottubru 2003[15] u tat-18 ta' Mejju 2005[16], semghet ix-xhieda ta' Peter Lanzon moghtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ottubru 2003[17] u tat-8 ta' Novembru 2006[18], rat l-affidavit tal-konvenut a fol. 171 tal-process u rat l-affidavit ta' Michael Fenech u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "AFM1" sa' Dok. "AFM32" a fol. 172 sa'213 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Sergio Spiteri in rapprezentanza tar-Registru Elettorali moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2003[19], ix-xhieda tas-Supretendent Alexandra Mamo moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2004[20] u x-xhieda ta' Michael Angelo Fenech moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' April 2004[21] u tat-8 ta' Novembru 2010[22] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MAF1" u Dok. "MAF2" a fol. 404 u 405 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004[23], u

[4] Fol. 41 tal-process.
[5] Fol. 42 u 43 tal-process.
[6] Fol. 104 u 105 tal-process.
[7] Fol. 109 tal-process.
[8] Fol. 247 sa' 248 tal-process.
[9] Fol. 121 sa' 124 tal-process.
[10] Fol. 250 u 251 tal-process.
[11] Fol. 145 u 146 tal-process.
[12] Fol. 161 u 162 tal-process.
[13] Fol.164 u 165 tal-process.
[14] Fol. 295A u 296 tal-process.
[15] Fol. 166 u 167 tal-process.
[16] Fol. 254 u 255 tal-process.
[17] Fol. 168 u 169 tal-process.
[18] Fol. 294 u 295 tal-process.
[19] Fol. 219 u 220 tal-process.
[20] Fol. 224 u 225 tal-process.
[21] Fol. 226 sa' 228 tal-process.
[22] Fol. 408 u 409 tal-process.
[23] Fol. 236 u 237 tal-process.

semghet ix-xhieda ta' Marica Gauci moghtija waqt is-seduti tat-18 ta' Mejju 2005[24] u tat-8 ta' Novembru 2010[25];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tas-socjetà attrici u rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut[26] u tas-socjetà kjamata in kawza[27] u rat in-Nota ta' Referenzi tas-socjetà kjamata in kawza u z-zewg sentenzi annessi maghha[28];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut Alfred Fenech jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' Lm578.37, illum ekwivalenti ghal €1,347.23, rapprezentanti ammont dovut ghall-kera, Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq parti mill-kera, *pulses* u *directory charges* in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 680587, liema servizz gie installat fuq talba ta' Alfred Fenech fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, skond *service agreement* datat 8 ta' Gunju 1982[29]. Il-konvenut Alfred Fenech jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-Korporazzjoni Telemalta (l-awtrici tas-socjetà attrici) u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-installazzjoni tat-telefon fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, saret ghal Fenech Oil & Petroleum Company Limited (FOPCOL) u mhux ghalih personalment u dan kif jidher mis-*service agreement* u mill-kopji tad-direttorju tat-telefon ta' l-1992 u ta' l-1996 li gew annessi man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu bhala Dok. "C" u Dok. "D" a fol. 18 u 19 tal-process. Huwa jeccepixxi ulterjorment li t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(f) [minghajr ma jindika liema Kapitolu tal-Ligi qed jaghmel referenza ghalih] in kwantu ghall-ammont li qieghed jigi mitlub bhala kera in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 680587 u ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) [mill-gdid minghajr ma jindika liema Kapitolu tal-Ligi qed jaghmel referenza ghalih] in kwantu ghall-ammont mitlub ghall-*pulses* fuq l-istess servizz. Apparte minn hekk wara li s-socjetà Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Telemata bhala cessjonarja tal-kreditu meritu ta' dawn il-proceduri u senjatament waqt is-seduta tat-3 ta' April 1998[30], il-konvenut Alfred Fenech eccepixxa li ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-imsemmija Maltacom p.l.c.

Peress illi l-konvenut Alfred Fenech jikkontendi li ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-Korporazzjoni Telemalta, huwa talab il-kjamata in kawza tas-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u b'Digriet moghti fl-24 ta' Jannar

[24] Fol. 252 u 253 tal-process.
[25] Fol. 406 tal-process.
[26] Fol. 412 sa' 417 tal-process.
[27] Fol. 419 sa' 422 tal-process.
[28] Fol. 429 sa' 449 tal-process.
[29] Dok. "NX" a fol. 111 tal-process.
[30] Fol. 39 tal-process.

1997[31] giet effettivament kjamata in kawza l-imsemmija Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. Is-socjetà kjamata in kawza tilqa' ghat-talba tas-socjetà attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) hija qatt ma kellha telefon registrat f'isimha u ghalhekk m'ghandhiex tirrispondi hi ghat-talbiet attrici; (ii) l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(f) u l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; u (iii) hija ma ghandha taghti xejn u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt. B'Nota ta' l-Eccezzjonijiet ohra pprezentata fit-8 ta' Jannar 2003 is-socjetà kjamata in kawza teccepixxi wkoll li: (i) preliminarjament Alfred Fenech ma huwiex direttur tal-kumpanija Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u ghalhekk in-notifika maghmula bil-pubblikazzjoni a fol. 55 tal-process saret malament; u mill-gdid ittenni l-eccezzjonijiet minnha già sollevati u cioè: (a) li ma hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici, ma ghandha l-ebda rabta kontrattwali maghha u ma ghandha taghtiha xejn; (b) il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(f) u ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili – hawn hekk evidentement hemm zball ghaliex il-preskrizzjoni hija kontemplata fil-Kodici Civili u mhux fil-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili; u (c) li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u determinata fil-proceduri in ezami hija dik dwar min huwa l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici, u cioè jekk huwiex il-konvenut Alfred Fenech jew inkella s-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.

Is-socjetà attrici tibbaza t-talba taghha ghall-hlas tas-somma ta' Lm578.37 fuq is-*service agreement* datat 8 ta' Gunju 1982 esebit bhala Dok. "NX" a fol. 111 tal-process u fuq ir-rendikont relattiv ghan-numru tat-telefon 680587 minn liema jirrizulta *breakdown* ta' l-ammont komplessiv minnha pretiz. Mis-*service agreement* imsemmi jirrizulta li l-istess gie ffirmat minn Alfred Fenech detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 458141(M), ossia l-konvenut f'dawn il-proceduri. Kemm-il darba l-Qorti kellha tibbaza ruhha esklussivament fuq dak li jidher mill-imsemmi *service agreement* hija tasal ghall-konkluzzjoni, fil-fehma Taghha ghal kollox zbaljata, li l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici huwa appuntu il-konvenut Alfred Fenech. Tali konkluzzjoni hija zbaljata ghaliex hija bbazata fuq ezami superficjali tar-rizultanzi processwali li meta jigu kkunsidrati sew, partikolarment dawk il-provi realment rilevanti ghall-kaz in ezami, juru sitwazzjoni ben diversa minn dik li tidher mis-*service agreement* datat 8 ta' Gunju 1982. In effetti minn ezami akkurat tal-provi rilevanti ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici hija s-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u mhux il-konvenut Alfred Fenech.

Mix-xhieda ta' Marica Gauci, fiz-zmien impjegata mal-Korporazzjoni Telemata u l-persuna li effettivament hadet hsieb is-*service agreement* in kwistjoni,

[31] Fol. 21 tal-process.

jirrizulta li dan il-fethim gie mwettaq in bazi ghal applikazzjoni li kienet saret permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju 1982. Waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2005[32], Marica Gauci, prodotta bhala xhud mis-socjetà kjamata in kawza, xehdet hekk: *jiena nahdem mal-Maltacom u ili impjegata maghhom ghal dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin sena. Qed nara l-original tad-dokument PV 3 li jinsab esebit a fol. 127 tal-process u qed naghraf il-firma tieghi fuq dan id-dokument li qeghdha fir-rokna ta' isfel fin-naha tax-xellug bi prova illi jiena ghan-nom tat-Telemalta Corporation kont iffirmajt u accettajt is-service agreement li kien applika ghalih, anzi jew li gie miftiehem ma' Alfred Fenech. Il-kitba fuq l-agreement hija tieghi. Biex hemm il-firma ta' Alfred Fenech fuq is-service agreement dana bilfors kien gie personalment. Biex jigi ghal agreement ahna nkunu baghtna ghal Alfred Fenech u d-dettalji li nkun imlejt jien inkun hadthom minn fuq l-applikazzjoni precedenti. Inkun imlejt is-service agreement quddiem l-applikant. Jiena ma noqghodx nerga' naqrhom is-service agreement qabel ma jiffirmah, inkun imlejtha kelma b'kelma quddiemu w imbaghad iffirmha quddiemi.* In kontro-ezami xehedet illi *l-applikazzjoni kienet saret permezz ta' ittra. L-ittra relattiva ghall-applikazzjoni ta' dawn il-linji hija dik l-ittra li tinsab esebita a fol. 125 tal-process.*

Id-dokument PV3 a fol. 127 tal-process li taghmel referenza ghalih Marica Gauci fix-xhieda taghha huwa s-*service agreement* datat 8 ta' Gunju 1982 iffirmat minn Alfred Fenech ghall-allokazzjoni tan-numru tat-telefon 680587 a favur FOPCOL ta' 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, u l-ittra a fol. 125 tal-process li wkoll taghmel referenza ghaliha Marica Gauci fix-xhieda taghha hija ittra ta' Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd., maghrufa wkoll bhala FOPCOL, datata 11 ta' Mejju 1982 indirizzata lill-Korporazzjoni Telemalta fejn tghid *we, the undersigned Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd., would like to submit this as an Application for four telephone lines to be installed at our new premises situated at:- 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara.*

Minn din l-ittra huwa evidenti li ghalkemm is-*service agreement* ghall-allokazzjoni tan-numru tat-telefon 680587 a favur FOPCOL fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, gie ffirmat minn Alfred Fenech, li del resto fiz-zmien in kwistjoni kien Direttur tas-socjetà kjamata in kawza[33], in verità l-applikant ma kienx Alfred Fenech f'ismu personali izda s-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.

Fil-fehma tal-Qorti kwalunkwe dubju li jista' jkun hemm dwar min effettivament kien l-applikant ghan-numru 680587 u kwindi l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici f'dawn il-proceduri, jingheleb bil-konferma li tirrizulta mill-ittra tas-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. lic-Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta datata 14 ta' Mejju 1984, fejn

---

[32] Fol. 252 u 253 tal-process.

[33] Vide Memorandum & Articles tas-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. a fol. 163 tal-process.

appuntu titlob *please arrange for our telephone numbers 680587/8, 807749 and 807750 to be "blocked" from O'Seas direct dialing*[34].

Is-socjetà kjamata in kawza tipprova tissosstanzja l-eccezzjoni taghha li hija qatt ma kellha telefon registrat f'isimha u ghalhekk m'ghandhiex tirrispondi hi ghat-talba attrici billi tikkontendi li: (i) isimha, ossia Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. ma jidher imkien fuq is-*service agreement* mertu tal-kawza; (ii) Alfred Fenech ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni da parte tas-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. sabiex jiffirma *service agreement* ghan-nom taghha, (iii) ma hemm xejn x'jorbot l-ittra tal-11 ta' Mejju 1982 fejn qed titlob li tinghata erba' linji tat-telefon mal-linja tat-telefon bin-numru 680587, li hija l-linja tat-telefon meritu ta' dawn il-proceduri; (iv) il-hlasijiet tal-kontijiet tat-telefon kienu jsiru minn Nazzareno Fenech Limited; u (v) is-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u s-socjetà Nazzareno Fenech Limited waqfu joperaw fl-1988.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel tlett pretensjonijiet tas-socjetà kjamata in kawza ossia li: (i) isimha ma jidher imkien fuq is-*service agreement* mertu tal-kawza; (ii) Alfred Fenech ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni da parte taghha sabiex jiffirma *service agreement* ghan-nom taghha u (iii) ma hemm xejn x'jorbot l-ittra tal-11 ta' Mejju 1982 fejn qed titlob li tinghata erba' linji tat-telefon mal-linja tat-telefon bin-numru 680587, jinsab pjenament indirizzati b'dak hawn appena f'din is-sentenza, izda zzid tosserva li *dato ma non concesso* li l-konvenut Alfred Fenech ma kellux prokura jew awtorizzazzjoni mis-socjetà kjamata in kawza sabiex jiffirma *service agreement* f'isimha, bl-ittra ta' l-14 ta' Mejju 1984 indirizzata lill-Korporazzjoni Telemalta – esebita a fol. 126 tal-process - fejn tirreferi b'mod specifiku fost ohrajn ghall-linja tat-telefon bin-numru 680587 koncessa bis-*service agreement* datat 8 ta' Gunju 1982 iffirmat mill-konvenut, is-socjetà kjamata in kawza giet li rratifikat l-agir ta' l-istess Alfred Fenech u ghaldaqstant illum tali pretensjoni ftit li xejn jista' jkollha rilevanza fil-kuntest ta' dawn il-proceduri.

In kwantu rigwarda l-pretensjonijiet tas-socjetà kjamata in kawza li: (a) il-hlasijiet tal-kontijiet tat-telefon kienu jsiru minn Nazzareno Fenech Limited; u (b) li din is-socjetà u l-istess socjetà kjamata in kawza waqfu joperaw fl-1988, dawn ukoll ma jistghux, fid-dawl tar-rizultanzi processwali u tal-principji guridici applikabbli in materia, jigu kkunsidrati bhala pretensjonijiet validi li jisthoqq li jigu milqugha.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm is-socjetà kjamata in kawza tramite x-xhud Michael Angelo Fenech esebiet zewg *cheques* rispettivament datati 12 ta' Frar 1989 u 31 ta' Mejju 1989 mahruga favur il-Korporazzjoni Telemalta[35], ma hemm l-ebda prova li turi b'mod sodisfacenti li dawk iz-zewg *cheques* kienu effettivament jirrapprezentaw hlas ta' kontijiet tat-telefon relattivi ghall-linja

[34] Dok. "PB2" a fol. 126 tal-process.
[35] Dok. "MAF2" a fol. 405 tal-process.

tat-telefon bin-numru 680587. Apparte minn hekk huma principji assodati in materia ta' hlas li *l-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur, jew, jekk tagixxi fl-isem taghha infisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur* [Art. 1148(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta] u *l-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur* [Art. 1149(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta].

Apparte minn hekk huwa principju daqstant iehor assodat in materia ta' hlas ta' kontijiet tat-telefon illi kemm-il darba l-applikant jibqa' registrat bhala tali mal-provditur tas-servizz, f'dan il-kaz is-socjetà attrici, huwa dak l-applikant li jibqa' responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tat-telefon irrispettivament mill-fatt li l-linja ma tkunx qed tintuza minnu jew li ma jkunx ghadu qed jaghmel uzu minn dik il-linja, sakemm ma jasalx fi ftehim mod iehor mal-provditur tas-servizz[36].

Peress illi gie stabbilit illi minkejja l-fatt li s-*service agreement* mal-Korporazzjoni Telemalta gie ffirmat mill-konvenut Alfred Fenech in verità l-applikant ghall-linja tat-telefon bin-numru 680587 kienet is-socjetà kjamata in kawza, kien fl-interess ta' din is-socjetà li una volta li waqfet topera titlob li dik il-linja tat-telefon ma tibqax registrata fuqha, haga però li ma jirrizultax li saret. In effetti jidher li l-linja tat-telefon in kwistjoni giet *removed* mill-Korporazzjoni Telemalta stess fis-16 ta' Gunju 1995 minhabba nuqqas ta' hlas tal-kontijiet tat-telefon[37]. B'hekk m'hemmx dubju li ghall-kontijiet tat-telefon relattivi ghall-linja tat-telefon bin-numru 680587 antecedenti ghas-16 ta' Gunju 1995 – izda entro l-parametri tat-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli, kwistjoni din li se tigi trattata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza – hija u tibqa' responsabbli s-socjetà kjamata in kawza.

B'hekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Alfred Fenech fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fid-9 ta' Jannar 1997[38] jisthoqq li tigi milqugha, bil-konsegwenza li ma hemmx lok li jigu trattati u kkunsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra minnu sollevati, mentri l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà kjamata in kawza fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha tas-27 ta' Frar 1997[39] u ikkonfermata bin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tat-8 ta' Jannar 2003[40], ma jisthoqqx li tigi milqugha.

F'dan l-istadju l-Qorti tqis li huwa opportun li tittratta l-eccezzjoni preliminarni sollevata mis-socjetà kjamata in kawza fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fit-8 ta' Jannar 2003, fis-sens illi *Alfred Fenech ma*

[36] Maltacom p.l.c. v. C.P.L. Developments Limited et, Citaz. Nru. 2619/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001 u Maltacom plc v. Silvan Industries Ltd et, Appell Civili Nru. 2717/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Novembru 2007.
[37] Dok. "PB11" a fol. 136 tal-process.
[38] Fol. 17 tal-process.
[39] Fol. 26 tal-process.
[40] Fol. 100 tal-process.

*huwiex direttur tal-kumpanija Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u ghalhekk in-notifika maghmula bil-pubblikazzjoni a fol. 55 saret malament.*

Jigi osservat li fuq talba tas-socjetà attrici avvanzata waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 1998, liema talba giet milqugha b'Digriet moghti dakinhar stess, il-kawza thalliet *sine die*[41]. In segwitu permezz ta' Rikorsipprezentat fis-27 ta' Novembru 1998, is-socjetà attrici talbet li l-kawza tigi riappuntata u b'Digriet moghti fit-2 ta' Dicembru 1998 it-talba taghha giet milqugha u l-kawza giet riappuntata ghas-26 ta' Marzu 1999 fid-9:00a.m.[42] Naturalment il-partijiet kontendenti kellhom jigu notifikati bl-avviz tar-riappuntament u inizjalment jidher li s-socjetà attrici ffukat fuq in-notifika tal-konvenut Alfred Fenech. Dana jirrizulta b'mod car mill-verbali tas-seduti tas-26 ta' Marzu 1999[43], tat-18 ta' Gunju 1999[44] u tas-26 ta' Novembru 1999[45] u mir-Rikorsi pprezentati mis-socjetà attrici fis-26 ta' Mejju 1999[46] u fit-3 ta' Awwissu 1999[47]. Di fatti n-notifika a fol. 55 tal-process li ghaliha taghmel referenza s-socjetà kjamata in kawza hija pertinenti ghan-notifika bl-avviz tar-riappuntament lill-konvenut Alfred Fenech u mhux lis-socjetà kjamata in kawza u fil-fatt b'dik in-notifika, jew ahjar bil-process ta' notifika ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqies li gie notifikat bl-avviz tar-riappuntament il-konvenut u mhux is-socjetà kjamata in kawza, hekk kif johrog ferm car mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru 1999. Ghalhekk jekk kien hemm difett f'dik in-notifika tali difett seta' jigi invokat biss mill-persuna li tqieset validament notifikata u minn hadd izjed, u cioè biss mill-konvenut Alfred Fenech u certament mhux mis-socjetà kjamata in kawza.

Trattata din l-eccezzjoni jehtieg issa tigi in fine trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà kjamata in kawza. Il-Qorti tosserva li ghalkemm il-konvenut Alfred Fenech issolleva eccezzjonijiet ulterjuri, fosthom l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(f) u ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, una volta li gie stabbilit li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici in kwantu hija s-socjetà kjamata in kawza li hija responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tat-telefon relattivi ghall-linja bin-numru 680587, ma hemmx lok li tali eccezzjonijiet ulterjuri sollevati minnu jigi kkunsidrati, trattati u determinati.

Is-socjetà kjamata in kawza tikkontendi wkoll li t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(f) u ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi immedjatament osservat li huwa principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghal krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat, huwa dak kwinkwennali kontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u

[41] Fol. 41 tal-process.
[42] Fol. 42 u 43 tal-process.
[43] Fol. 46 tal-process.
[44] Fol. 51 tal-process.
[45] Fol. 64 tal-process.
[46] Fol. 48 tal-process.
[47] Fol. 52 tal-process.

mhux dak ta' tmintax-il xahar kontemplat fl-Artikolu 2148(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. v. Salina Company Limited, Citaz. Nru. 1791/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2004, fejn appuntu dik il-Qorti osservat illi *in tema legali jigi osservat li "hija gurisprudenza kostanti ghal ghexieren ta' snin li f' materja ta' krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156[f] tal-Kodici Civili u mhux dik ta' tmintax il-xahar kontemplata fl-artikolu 2148[f]" [App.Trib. Maltacom plc vs Albert Grech et – 14 ta' Gunju 2001].* Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. v. Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.**, **Appell Civili 624/98** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003, f'liema proceduri kjarament kienet involuta s-socjetà kjamata in kawza fil-proceduri odjerni, fejn fir-rigward ta' l-aggravju tas-socjetà imsemmija ghad-decizjoni tal-Qorti ta' Prim' Istanza li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza l-kera ta' l-apparat, huwa dak kwinkwennali kontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux it-terminu ta' tmintax-il xahar kontemplat fl-Artikolu 2148(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ta' l-Appell osservat illi: *dak illi qed issostni s-socjetà appellanti huwa illi, ghall-kaz in ezami, hija applikabbli l-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili u mhux dik kontemplata mill-artikolu 2156(f) ta' l-istess kodici, u dana peress illi l-ahhar parti ta' l-ahhar imsemmi artikolu tal-ligi tiddisponi illi l-preskrizzjoni kontemplata mill-istess artikolu hija applikabbli biss "... meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar ...". Skond is-socjetà appellanti tezisti "preskrizzjoni aqsar" applikabbli ghall-kreditu in kwistjoni: dik kontemplata mill-artikolu 2148(f) hawn fuq imsemmi. Dina l-Qorti taqbel illi l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili jikkontempla preskrizzjoni aqsar minn dik kontemplata mill-artikolu 2156(f) ta' l-istess kodici. Però, dina l-Qorti ma taqbilx illi l-kreditu in kwistjoni huwa kolpit bil-preskrizzjoni kontemplata mill-imsemmi artikolu 2148(f).*

Stabbilit ghalhekk li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghat-talba attrici huwa dak kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jehtieg issa jigi determinat jekk it-talba attrici hijiex bhala fatt preskritta kif pretiz mis-socjetà kjamata in kawza jew inkella le.

Mir-rendikont anness ma' l-Avviz promotur[48] jirrizulta li s-somma pretiza ta' Lm578.37 tikkonsisti: fis-somma ta' Lm34.40 ghal *pulses and rent* ghall-perijodu antecedenti Dicembru 1991, fis-somma ta' Lm297.77 *pulses* u fis-somma ta' Lm214.95 *rent* minn Dicembru 1991 sa' Dicembru 1995, fis-somma ta' Lm6.23 rapprezentanti t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-ammonti dovuti ghal perijodu Gunju 1995, Settembru 1995 u Dicembru 1995 u fis-somma ta'

[48] Fol. 2 tal-process.

Lm5.00 rapprezentanti *Directory Charges* inkorsi f'Dicembru 1992 u fis-somma ta' Lm20.02 rapprezentanti kjamati *overseas*. Il-proceduri odjerni gewipprezentati fid-19 ta' Awwissu 1996 u s-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. giet kjamata in kawza b'Digriet moghti fl-24 ta' Jannar 1997. Fil-fehma tal-Qorti kull ammont pretiz ghall-perijodu antecedenti l-24 ta' Jannar 1992, ossia hames snin qabel ma giet kjamata in kawza s-socjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd., huwa preskritt a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser ghalhekk li t-talba attrici in kwantu rigwarda: (a) l-ammont ta' Lm34.40 ghal *pulses and rent* ghall-perijodu antecedenti Dicembru 1991; u (b) l-ammont ta' Lm26.10 ghal *pulses and rent* ghal Dicembru 1991 hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu mis-somma pretiza mis-socjetà attrici.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm is-socjetà kjamata in kawza giet notifikata bl-Avviz promotur fil-21 ta' Frar 1997 u pprezentat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha fis-27 ta' Frar 1997, id-data rilevanti ghall-finijiet ta' preskrizzjoni hija dik li fiha l-imsemmija socjetà giet kjamata in kawza u mhux id-data meta giet notifikata bl-Avviz promotur stante li f'kaz ta' talba giudizzjarja l-interruzzjoni ssehh bis-sahha tal-prezentata ta' dik it-talba u mhux bin-notifika ta' l-istess[49]. In effetti l-Artikolu 2132 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.*

Apparte dan kollu appena osservat, il-Qorti ttenni li mill-atti processwali u senjatament mid-dokument Dok. "PB11" a fol. 136 tal-process, jirrizulta li l-linja tat-telefon bin-numru 680587 giet *removed* mill-Korporazzjoni Telemalta minhabba nuqqas ta' hlas tal-kontijiet fis-16 ta' Gunju 1995. Dan ifisser ghalhekk li s-socjetà attrici ma tistax tippretendi hlas tas-somma ta' Lm13.00 flimkien ma' Taxxa fuq il-Valur Mizjud ammontanti ghal Lm1.95 ghal Settembru 1995 u tas-somma ulterjuri ta' Lm13.00 flimkien ma' Taxxa fuq il-Valur Mizjud ammontanti ghal Lm1.95 ghal Dicembru 1995. B'hekk dawn l-ammonti wkoll ghandhom jitnaqqsu mis-somma pretiza mis-socjetà attrici.

Minn dan kollu jsegwi ghalhekk li l-ammont dovut mis-socjetà kjamata in kawza lis-socjetà attrici relattivament ghall-kera, Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq parti mill-kera, *pulses* u *directory charges* in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 680587 installat fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, huwa ta' Lm487.97, illum ekwivalenti ghal €1,136.66.

[49] Maltacom p.l.c. v. Carmelo Falzon, Citaz. Nru. 1294/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 2004.

Jigi in fine osservat illi s-socjetà attrici titlob ukoll il-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza kompriza t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ai termini ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Taqsima ta' l-Erbghatax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li japplika ghal kull kawza ghall-hlas ta' drittijiet ta' servizzi professjonali maghmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi, *il-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza ma ghandhiex tkun marbuta li thallas l-ammont li jirreferi ghat-taxxa, jekk ikun hemm, li ghandha tithallas fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi sakemm l-original tal-fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali ghal dawk is-servizzi kif mitlub fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita ma tinghatax lilha, jew, fejn il-kawza tkun saret kontra ghadd ta' persuni flimkien, lil xi wiehed minnhom.*

Il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu jipprovdi li *fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali moghtija skond kif imsemmi hawn fuq ghandu jkun fiha, minbarra t-taghrif mehtieg skond l-Att – (i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taht iffirmata mill-persuna li lilha jkunu inghataw l-imsemmija servizzi: "Niddikjara li ebda kreditu ghall-input tax ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li ghalihom tirreferi din il-fattura ta' taxxa/ricevuta fiskali"; (ii) meta l-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza jew it-talba tkun persuna registrata taht l-Artikolu 10, jew, meta l-kawza tkun saret kontra ghadd ta' persuni flimkien, jekk xi wiehed minnhom ikun persuna registrata taht l-Artikolu 10, l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta' l-imsemmija persuna registrata.*

Huwa biss meta *fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali ghall-hlas ta' servizzi professjonali li tkun tikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-paragrfu (b) ta' din il-partita tinghata lil persuna taxxabbli li hi marbuta bil-ligi li thallas jew tirrifondi l-imsemmi hlas din ghandha ghall-ghanijiet ta' dan l-Att titqies daqslikieku kienet fattura ta' taxxa ghal servizzi professjonali provduti lilha* – Artikolu 6(c).

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog car li l-hlas tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud da parte tal-parti sokkombenti fi proceduri giudizzjarji relattiva ghad-drittijiet professjonali in konnessjoni ma' tali proceduri ma hijiex kwistjoni li ghandha tigi deciza w imposta mill-Qorti fis-sentenza Taghha izda, tali hlas jista' jintalab minghand dik is-socjetà kemm-il darba dak dispost fil-Ligi jigi segwit minnha. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba partikolari tas-socjetà attrici ghall-kundanna tal-hlas tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Alfred Fenech fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fid-9 ta' Jannar 1997 u tiddikjara li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
(2) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut Alfred Fenech;
(3) Tilqa' in parte l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mis-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fis-27 ta' Frar 1997 u tiddikjara li t-talba attrici hija preskritta in kwantu rigwarda l-ammont ta' Lm34.40 ghal *pulses and rent* ghall-perijodu antecedenti Dicembru 1991 u l-ammont ta' Lm26.10 ghal *pulses and rent* ghal Dicembru 1991;
(4) Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mis-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.;
(5) Tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' Lm487.97, illum ekwivalenti ghal €1,136.66; u
(6) Tikkundanna lis-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €1,136.66, bl-imghax legali dekoribbli mill-mill-21 ta' Frar 1997 (id-data tan-notifika lis-socjetà kjamata in kawza bl-Avviz) sad-data ta' l-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-konvenut Alfred Fenech izda eskluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Gunju 1996, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà kjamata in kawza Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**